

# Kif nieklu u nikkonsmaw.

## Materjali ta' tagħlim għal modulu 3

Peer Parliaments
Make yourself heard

EUROPEAN CLIMATE PACT

#MyWorldOurPlanet
#EUClimatePact

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument tista' tkun skaduta, peress li inizjalment kienet maħluqa fl-2022.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39), ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

**PDF** ISBN 978-92-68-12277-8 doi:10.2834/172531 ML-02-24-100-MT-N

# Kif nieklu u nikkonsmaw: ikel sostenibbli

## Mistoqsija 1

Kif nistgħu nieklu b'mod aktar sostenibbli u naħlu inqas ikel? **Ara l-għażliet** hawn taħt, **tkellem** dwarhom mal-grupp tiegħek u **kklassifikahom** skont liema soluzzjonijiet taħsbu li huma l-aħjar.

| Punti | Għażla |
|---|---|
| 5 punti | B |
| 4 punti | C |
| 3 punti | A |
| 2 punti | E |
| 1 punt | D |

Kampjun tal-vot

**A** Il-prodotti tal-ikel għandu jkollhom **tikketta ta' informazzjoni** dwar l-impatt tagħhom fuq is-saħħa, l-ambjent u l-klima, u jekk ġewx prodotti lokalment jew le.

**B** Ir-restoranti u l-ħwienet tal-ikel għandhom jintalbu jkunu **trasparenti dwar il-ħela tal-ikel tagħhom** u dwar dak li qed jagħmlu biex inaqqsu jew iwaqqfu il-ħela tal-ikel.

**C** Il-prezz tal-prodotti tal-ikel għandu jirrifletti aħjar l-**impatt tagħhom fuq l-ambjent u l-klima**.

**D** L-agrikoltura għandha tiġi ttrasformata b'mod radikali sabiex il-bdiewa jużaw **inqas fertilizzanti u pestiċidi**, u jagħżlu fertilizzanti organiċi fejn meħtieġ. Għandhom ukoll jiġu offruti aktar appoġġ **biex iħarsu l-bijodiversita** u jkollhom inqas impatt ta' ħsara fuq l-ambjent u s-saħħa b'mod ġenerali.

**E** X'**soluzzjonijiet oħra** jiġuk f'moħħok?



## Kuntest

Terz tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra globali jistgħu jiġu attribwiti għas-sistema tal-ikel u għall-katina tal-provvista tagħha. Dan jinkludi l-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem, it-tibdil fl-użu tal-art (inkluż id-deforestazzjoni), it-trasformazzjoni, l-ippakkjar, it-trasport u d-distribuzzjoni, il-bejgħ bl-imnut, il-ħżin u t-tħejjija tal-ikel, u l-ħela tal-ikel meta jsir il-konsum.

Madwar 15 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra globali huma kkawżati mill-produzzjoni tal-bhejjem. Iċ-ċanga u l-ħalib tal-baqra huma l-prodotti bażiċi responsabbli għall-ogħla emissjonijiet, li jikkontribwixxu 41 % u 20 % tat-total tal-outputs ta' gassijiet serra mill-bhejjem rispettivament. Fl-Ewropa, l-agrikoltura hija responsabbli għal 10 % tal-emissjonijiet ta'gassijiet serra tal-UE, u madwar 60 % ta' dawk jiġu mis-settur tal-bhejjem. Madankollu, dan ma jqisx il-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem fl-irziezet, f'termini tal-ammont ta' karbonju maħżun fl-art bil-ħaxix u l-bijodiversità rikka tal-artijiet għall-mergħa.

Ix-xejriet attwali tal-konsum tal-ikel mhumiex sostenibbli, kemm mil-lat ambjentali kif ukoll mill-perspettiva tas-saħħa. Fl-UE, il-konsum medju ta' laħam aħmar, zokkor, melħ u xaħam għadu ogħla mil-livelli rakkomandati. It-tranżizzjoni lejn dieta bilanċjata li tinkludi zokkor inqas raffinat u aktar ikel ibbażat fuq il-pjanti, speċjalment frott u ħaxix friski, se jnaqqas mhux biss ir-riskji ta' mard ta' theddida għall-ħajja, iżda wkoll l-impatt ambjentali tas-sistema tal-ikel.

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tagħha fl-2020 li għandha l-għan li tagħmel is-sistema tal-ikel aktar ġusta, tajba għas-saħħa u tajba għall-ambjent – mill-produzzjoni u l-ipproċessar sal-konsum u l-ġestjoni tal-ħela. L-istrateġija hija parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u għandha l-għan li tippromwovi l-konsum sostenibbli tal-ikel, tappoġġja t-tranżizzjoni lejn dieta tajba għas-saħħa u sostenibbli, u tnaqqas il-ħela tal-ikel. Fiha diversi objettivi għat-tnaqqis tal-impatt li l-produzzjoni tal-ikel tħalli fuq l-ambjent, inkluża l-mira li mill-inqas 25 % tal-art agrikola tal-UE tkun soġġetta għal biedja organika sal-2030. Dan huwa madwar tliet darbiet aktar mis-sehem fl-2019.

**Emissjonijiet totali tal-UE:**
**3 610**
**Megatunnellata**
**ta' ekwivalenti ta' $CO_2$**

- **6 %** Bhejjem
- **12 %** Manifattura u kostruzzjoni
- **22 %** Elettriku u tisħin
- **23 %** Trasport
- **37 %** Oħrajn: industrija (inklużi l-industriji tal-minerali, tal-kimiċi u tal-metall), agrikoltura (minbarra l-bhejjem), immaniġġjar tal-iskart...

**Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra skont is-Settur, 2019**

- **Pestiċidi** -50 %
- **Telf ta' nutrijenti** -50 %
- **Antimikrobiċi** -50 %
- **Biedja organika** +25 %

**Miri tal-produzzjoni sostenibbli tal-ikel għall-2030 fl-UE**



# Tikkettar tal-ikel

It-tikkettar ċar tal-ikel huwa parti integrali mit-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli, peress li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet tal-ikel infurmati, aħjar għas-saħħa u aktar sostenibbli.

Il-konsumaturi qed isiru aktar interessati fl-informazzjoni dwar minn fejn ġejjin il-prodotti tagħhom (f'xi każijiet, biex jappoġġjaw lill-produtturi lokali), kif ġew ipproċessati, u l-valuri nutrittivi ewlenin tagħhom.

M'hemm l-ebda data affidabbli dwar l-għadd ta' tikketti ħodor (ekotikketti) tal-ikel li jeżistu fl-Ewropa. L-Indiċi tal-Ekotikketti jelenka aktar minn 70 ekotikketta, fosthom, pereżempju, it-Tikketta tat-Tnaqqis tal-Karbonju, li turi li tkejlet l-impronta tal-karbonju tal-prodott u li l-produttur impenja ruħu li jnaqqas dik l-impronta. Fi stħarriġ ta' 10 000 konsumatur fl-UE, żewġ terzi appoġġjaw it-tikkettar tal-karbonju fuq il-prodotti.

Fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt riċenti tal-Kummissjoni ġie mħabbar li se jiġi żviluppat qafas tat-tikkettar tal-ikel sostenibbli li jintegra fatturi nutrittivi, klimatiċi, ambjentali u soċjali.







Jintilef jew jinħela l-ikel tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel, speċjalment waqt l-ipproċessar u l-produzzjoni, fil-ħwienet, fir-restoranti u fil-canteens, u fid-dar. Fl-2011, fl-UE ġew iġġenerati 129 megatunnellata ta' ħela ta' ikel, li huma ekwivalenti għal 20 % tal-ikel prodott. Il-ħxejjex, il-frott u ċ-ċereali huma l-gruppi tal-ikel bl-ogħla ammont ta' ħela.

L-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tal-Kummissjoni Ewropea tipproponi miri legalment vinkolanti biex titnaqqas il-ħela tal-ikel madwar l-UE kollha. Xi membri diġa stabbilixxew il-miri proprji tagħhom. Fi Franza, pereżempju, id-distributuri tal-ikel u l-caterers fuq skala kbira fil-ħabsijiet, fl-isptarijiet u fl-iskejjel huma meħtieġa jnaqqsu l-ħela tal-ikel tagħhom b'50 % sal-2025, u jkun imiss il-catering kummerċjali u setturi oħrajn biex jagħmlu l-istess sal-2030.

Skont l-NGO Project Drawdown, il-ħela tal-ikel hija s-soluzzjoni ewlenija biex jitnaqqsu malajr l-emissjonijiet mis-settur tal-agrikoltura, il-forestrija u użu ieħor tal-art (magħruf bħala AFOLU), bi tnaqqis potenzjali ta' 90 gigatunnellata bejn l-2020 u l-2050.

L-unitajiet domestiċi huma s-sors ta' 52 % tal-ħela kollha tal-ikel fl-UE. Is-settur tas-servizzi tal-ikel (eż. ir-restoranti u l-caterers), u l-bejjiegħa bl-ingrossa u l-bejjiegħa bl-imnut (is-supermarkets u s-swieq ta' skontijiet) flimkien jammontaw għal 17 % tal-ħela kollha tal-ikel.

Sa 10 % tal-ħela tal-ikel iġġenerata kull sena fl-UE hija marbuta mad-dati sa meta għandu jintuża l-ikel u tal-aħjar li jiġi kkunsmat qabel fuq it-tikketti tal-ikel. Immarkar aħjar tad-dati u sensibilizzazzjoni akbar ta' xi jfissser għalhekk jista' jgħin jipprevjeni u jnaqqas il-ħela tal-ikel.

Jekk ma jkunx possibbli li tiġi evitata l-ħela tal-ikel, l-aħjar ħaġa li tista' ssir bl-ikel żejjed hija li jiġi ridistribwit lin-nies li għandhom bżonnu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni adottat il-linji gwidi tal-UE dwar id-donazzjonijiet tal-ikel biex tappoġġja lid-distributuri u lir-riċevituri ta' ikel żejjed.

Lura fl-2016, Franza introduċiet liġi li tirrikjedi lis-supermarkets kbar jiffirmaw ftehim dwar id-donazzjoni tal-ikel ma' organizzazzjonijiet ta' karita awtorizzati. Madankollu, il-kritiċi jargumentaw li anki d-donazzjoni ta' 1 % biss tal-ikel żejjed tas-supermarkets hija biżżejjed biex jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit legali.



# Il-prezzijiet tal-ikel




Skont l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt tal-Kummissjoni Ewropea, l-inċentivi fiskali għandhom iħeġġu lill-konsumaturi jagħżlu dieti sostenibbli u tajbin għas-saħħa. Sa issa, l-ebda pajjiż ma introduċa imposta tal-karbonju speċifika għall-ikel. Madankollu, intwera minn riċerka fl-Iżvezja li tassazzjoni bħal din tista' tkun effettiva: Taxxa ipotetika fuq il-laħam u l-prodotti tal-ħalib, li r-rata tagħha kienet iddeterminata mill-impatt ambjentali speċifiku, tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-bhejjem bi 12 %.

Fil-Ġermanja, l-oġġetti tal-ikel jibbenefikaw minn tnaqqis fil-VAT (7 %) meta mqabbla ma' oġġetti mhux tal-ikel (19 %). L-Aġenzija Federali għall-Protezzjoni Ambjentali pproponiet li tneħħi l-eżenzjoni mill-VAT għall-prodotti bbażati fuq l-annimali (u timponi l-VAT ta' 19 %), filwaqt li fl-istess ħin tkompli tnaqqas il-VAT fuq prodotti bbażati fuq il-pjanti. Il-laħam u l-prodotti tal-ħalib isiru aktar għaljin, filwaqt li l-patata, il-karrotti, id-dqiq, eċċ. isiru orħos, biex b'hekk jittaffew l-effetti sekondarji mhux mixtieqa fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.

Madankollu, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-gruppi vulnerabbli ma jiġux affettwati b'mod inġust.

Reċentement, l-UE rriformat il-Politika Agrikola Komuni tagħha. Ir-riforma tiżgura li, fil-futur, il-produtturi żgħar u ta' daqs medju madwar l-Ewropa se jirċievu mill-inqas 10 % tal-appoġġ dirett għall-introjtu tal-UE. Barra minn hekk, kwart tal-pagamenti diretti se jiġu allokati għall-ekoskemi, bħall-biedja organika u t-titjib fit-trattament xieraq tal-annimali. Flimkien, dawn il-miżuri ġodda jistgħu jagħmlu l-ikel prodott lokalment u b'mod sostenibbli orħos għall-konsumaturi.




Il-konsum tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib għandu tifsira soċjali u kulturali madwar l-UE kollha, u hemm tradizzjonijiet b'għeruq fondi relatati ma' dan l-ikel. Il-bidla fl-imġiba se tkun proċess twil u ta' sfida, speċjalment peress li s-sostituti vegani sa issa għadhom mhumiex disponibbli b'mod mifrux jew bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.




# Agrikoltura sostenibbli



Fl-2019 is-settur agrikolu jipproduċa madwar 10 % tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE, fost oħrajn bħala riżultat tal-metan mill-proċessi ta' diġestjoni tal-bhejjem, mid-demel maħżun tal-annimali, u mill-ossidu nitruż derivat mill-fertilizzanti.

L-użu ta' pestiċidi kimiċi fl-agrikoltura biex jipproteġu pjanti speċifiċi minn mard jikkontribwixxi għat-tniġġis tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, kif ukoll it-telf tal-bijodiversita, u jista' wkoll jagħmel ħsara lil pjanti, insetti, għasafar, mammiferi u amfibji oħra. Il-Kummissjoni Ewropea se tieħu azzjoni biex tnaqqas bin-nofs l-użu totali u r-riskji tal-pestiċidi kimiċi sal-2030.

Il-biedja organika għandha l-għan li tipproduċi ikel bl-użu ta' sustanzi u proċessi naturali. L-art li tinħadem permezz tal-biedja organika għandha madwar 30 % aktar bijodiversita mill-art li tinħadem permezz tal-biejda konvenzjonali.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilixxa mira li 25 % tal-art agrikola tinħadem permezz tal-biedja organika sal-2030. Dan huwa tliet darbiet aktar mis-sehem totali fl-2019 ta' 8.5 %, għalkemm dan is-sehem ivarja ħafna fost l-Istati Membri (ara figura).

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea nediet pjan ta' azzjoni organika li għandu l-għan li jistimola d-domanda għall-prodotti organiċi, jiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi u jappoġġja t-tranżizzjoni lejn il-biedja organika.

# Kif nieklu u nikkonsmaw: konsum sostenibbli

## Mistoqsija 2

Kif jista' jiġi promoss l-aħjar il-konsum sostenibbli? **Agħti ħarsa lejn l-għażliet t'hawn taħt, tkellem dwarhom** mal-grupp tiegħek u **kklassifikahom** skont liema soluzzjonijiet taħsbu li huma l-aħjar

| Punti | Għażla |
|---|---|
| 5 punti | B |
| 4 punti | C |
| 3 punti | A |
| 2 punti | E |
| 1 punt | D |

Kampjun tal-vot

**A** Il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu **trasparenti dwar l-impatt li għandhom il-prodotti u l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom** (u dawk tal-fornituri tagħhom) fuq l-ambjent u s-saħħa tan-nies, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha.

**B** **L-impatt fuq is-saħħa, l-ambjent u l-klima** għandu jkun rifless aħjar fil-prezzijiet tal-prodotti. Il-konsumaturi għandhom jingħataw ukoll aktar informazzjoni dwar dawk l-impatti (eż. permezz tat-tikkettar, trasparenza akbar, applikazzjonijiet diġitali).

**C** **Il-garanzija minima fuq l-apparat elettriku** għandha tiġi estiża għal aktar minn sentejn, u l-produtturi għandhom jagħmlu sforz akbar biex ikun possibbli li jissewwa.

**D** **Il-fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss għandhom jiġu pprojbiti** u għandu jkun hemm skema ta' ritorn tal-fliexken madwar l-UE kollha għall-fliexken li jintużaw aktar minn darba.

**E** X'**soluzzjonijiet oħra** jiġuk f'moħħok?



© L-Unjoni Ewropea

# Kuntest




Il-konsum tal-unitajiet domestiċi kien responsabbli għal kważi kwint (19.8%) tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE fl-2019, li huwa kważi daqs is-settur tal-manifattura (20.7 %) u ftit inqas mill-produzzjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-istim (22.2 %).

It-tnaqqis tal-emissjonijiet netti fl-UE b'55 % sal-2030 se jiddependi b'mod kruċjali fuq li n-nies jibdlu d-drawwiet tal-konsum tagħhom favur it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ, u għalhekk tgħin li diġa hemm livell għoli ta' sensibilizzazzjoni ambjentali fost l-Ewropej. Fi stħarriġ riċenti madwar l-Ewropa, 94 % ta' dawk li wieġbu qalu li l-protezzjoni tal-ambjent hija personalment importanti għalihom. Aktar minn żewġ terzi qablu li d-drawwiet tal-konsum tagħhom kellhom effett negattiv fuq l-ambjent. It-tibdil fix-xejriet ta' konsum u produzzjoni ssemma l-aktar spiss bħala l-aħjar mod biex jiġu indirizzati l-problemi ambjentali.

Madankollu, bosta studji wrew li mhuwiex faċli li tibidel l-imġiba tan-nies favur imġiba aħjar għall-ambjent. L-għażla tal-konsumaturi dwar x'jixtru u kif jużaw dak li jixtru hija influwenzata minn ħafna fatturi minbarra s-sostenibbilta, bħall-prezz, id-disponibbilta, il-konvenjenza, id-drawwiet u n-normi soċjali.

Hemm bosta politiki tal-UE li huma rilevanti għall-kapaċità tal-konsumaturi li jagħmlu għażliet sostenibbli. Fost oħrajn, dawn jinkludu rekwiżiti ambjentali tal-prodotti, rekwiżiti ta' informazzjoni u tikkettar (inkluża l-Ekotikketta volontarja tal-UE), regoli dwar garanziji tal-prodotti, u leġiżlazzjoni dwar l-iskart li tagħmel ir-riċiklaġġ aktar faċli.




Kif nieklu u nikkonsmaw: konsum sostenibbli



# Monitoraġġ tal-katina tal-provvista



Kull kumpanija u prodott għandhom impronta ambjentali. Dik l-impronta hija kkalkulata abbażi ta' firxa ta' impatti ambjentali, bħat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tal-ożonu, l-użu tal-art, it-tnaqqis tar-riżorsi, il-konsum tal-ilma, il-konsum tal-enerġija u l-użu tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll aspetti soċjali oħra. Din tagħti ħarsa wiesgħa u komprensiva taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott u tal-kumpanija li tipproduċih (mill-estrazzjoni tal-materja prima u l-produzzjoni sal-użu u l-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja).

Attwalment, il-kumpaniji mhumiex meħtieġa jikkalkulaw l-impronta ambjentali tagħhom. Madankollu, mill-2014, id-dritt tal-UE rrikjeda lil kumpaniji kbar jiddivulgaw informazzjoni dwar kif jindirizzaw sfidi soċjali u ambjentali tul il-katina tal-provvista tagħhom. Ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà skont dawn ir-regoli ġie kkritikat bħala diffiċli wisq biex jiġi mqabbel u għax mhux dejjem jindirizza s-suġġetti l-aktar rilevanti.

Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal regolament aktar ambizzjuż (id-Direttiva dwar ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva), li jeħtieġ li l-50o000 kumpanija, kif stmat, fl-Ewropa jirrappurtaw dwar il-prestazzjoni tagħhom tas-sostennibbiltà.

Huwa importanti li l-istqarrijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-kumpaniji u l-prodotti jkunu affidabbli, komparabbli u verifikabbli madwar l-UE. Informazzjoni ambjentali affidabbli tippermetti lill-atturi tas-suq – il-konsumaturi, il-kumpaniji, l-investituri – jieħdu deċiżjonijiet aktar ekoloġiċi. Għaldaqstant il-Kummissjoni Ewropea se tadotta l-Inizjattiva proposta dwar id-Dikjarazzjonijiet Ekoloġiċi, li se tiżgura li kwalunkwe dikjarazzjoni ambjentali magħmula mill-kumpaniji tkun sostnuta minn metodoloġija standard.




L-iskart mit-tagħmir elettriku u elettroniku (e-skart) huwa t-tip ta' skart li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla fl-UE. Fl-2017, ġew iġġenerati 10.4 miljun tunnellatta ta' e-skart, jiġifieri ftit iżjed minn 20 kg għal kull persuna.

L-e-skart jinkludi firxa wiesgħa ta' tagħmir, bħal kompjuters, friġġijiet u mowbajls li waslu fi tmiem il-ħajja tagħhom, u li fihom taħlita kumplessa ta' materjali. Uħud minn dawn huma perikolużi u jistgħu jikkawżaw problemi ambjentali u tas-saħħa kbar jekk l-apparati mormija ma jiġux ġestiti u ttrattati kif suppost. L-elettronika moderna fiha materjali rari u għaljin li jistgħu jiġu rriċiklati u użati mill-ġdid jekk l-e-skart jiġi ġestit b'mod effettiv.

Studju riċenti juri li t-tul ta' ħajja veru tal-prodotti huwa b'mod sinifikanti aktar baxx mit-tul ta' ħajja ddisinjat jew mixtieq tagħhom.

L-UE għandha politiki u leġiżlazzjoni fis-seħħ biex tnaqqas l-ammont ta' e-skart u tiżgura li jiġi ġestit kif xieraq. Fl-2019, ġew introdotti regolamenti speċifiċi għall-prodott għall-magni tal-ħasil, il-magni tal-ħasil tal-platti, it-televiżjonijiet, il-lampi u l-friġġijiet, bil-għan li jiġi estiż it-tul ta' ħajja ta' dawn il-prodotti billi jiġu stabbiliti regoli dwar id-disponibbiltà tal-ispare parts u informazzjoni dwar id-durabbilta u t-tiswija.

Ir-regoli tal-UE dwar il-garanziji tal-prodotti jistabbilixxu perjodu ta' garanzija legali ta' sentejn. Jekk jirriżulta li l-prodott huwa difettuż waqt li jkun taħt garanzija, il-bejjiegħ irid jew isewwih jew jibdlu, u jekk dan ma jkunx possibbli, għandu joffri skont jew jagħti rifużjoni tal-flus imħallsa.



# Fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss u skemi ta' ritorn

Iridu jgħaddu mill-inqas 450 sena biex flixkun tal-plastik jiddegrada kompletament. Il-proċess jirrilaxxa mikroplastiks fl-ambjent, u l-effetti ta' dawn għadhom mhumiex kompletament mifhuma. Il-plastiks spiss ikun fihom sustanzi kimiċi potenzjalment tossiċi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-annimali jew lill-bnedmin li jibilgħuhom.

Il-fliexken tal-plastik huma prinċipalment magħmula mill-polietilentereftalat (PET), prodott taż-żejt grezz li għandu impronta tal-karbonju kbira tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Huwa stmat li huwa meħtieġ madwar kwart ta' flixkun żejt biex jiġi prodott il-flixkun tal-plastik innifsu. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar minn ħames litri ilma biex jiġi prodott flixkun tal-plastik li jintuża darba biss tipiku.

Il-fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss huma ta' ħsara għall-annimali wkoll. It-tappijiet tal-fliexken tal-plastik spiss jispiċċaw f'qiegħ il-baħar, fejn l-annimali tal-baħar jaħsbuhom ikel. Uħud jifgaw fihom u oħrajn imutu mit-tossini li jirrilixxaw it-tappijiet tal-fliexken fl-istonku tagħhom.

Id-Direttiva tal-UE dwar il-plastik li jintuża darba biss tistabbilixxi miri ta' riċiklaġġ u ġbir għall-fliexken tal-plastik. Sal-2025, il-fliexken tal-plastik se jkollhom ikunu magħmulin minn tal-inqas 25 % plastik riċiklat (li se jogħla għal 30 % sal-2030) u 77 % tal-fliexken tal-plastik se jkollhom jinġabru separatament (li se jogħla għal 90 % fl-2029).

M'hemm l-ebda projbizzjoni ppjanata fuq il-fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss. L-impatt ambjentali ta' tali projbizzjoni jista' jkun ambigwu, peress li jekk minflok jintużaw fliexken tal-azzar u tal-aluminju li jistgħu jerġgħu jintużaw, il-benefiċċji ambjentali tagħhom jiddependu l-iżjed fuq kemm jintużaw. Bl-istess mod, il-fliexken tal-ħġieġ (0.75 L) iridu jerġgħu jintużaw mill-inqas tliet darbiet biex ikunu ambjentalment ekwivalenti għall-fliexken tal-PET (0.5 L), skont sorsi individwali u ċ-ċirkostanzi lokali.

Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-użu tal-ilma tal-vit għall-konsum mill-bniedem bil-għan li jitnaqqas l-użu tal-ilma bbottiljat, u b'hekk l-ammont ta' plastik li jispiċċa fix-xmajjar u fl-ibħra.

Trid taqsam l-opinjoni tiegħek dwar il-politiki futuri tal-UE dwar il-klima ma' nies minn madwar l-Ewropa kollha?

**Kif tixtieq tikkontribwixxi għal Ewropa newtrali għall-klima? Iddiskuti u involvi ruħek!**



# Kif tista' tikkontribwixxi għal Ewropa newtrali għall-klima

## Kul aktar ikel ibbażat fuq il-pjanti

Naqqas l-ammont ta' laħam fid-dieta ta' kull ġimgħa tiegħek.

## Kul ikel lokali u fi żmienu

Kul ikel prodott fir-reġjun tiegħek u fiż-żmien naturali tiegħu tas-sena.

## Naqqas il-ħela tal-ikel

Naqqas l-ammont ta' ikel li jinħela jew jintrema f'darek.

## Sewwi u erġa' uża

Sewwi l-affarijiet tiegħek minflok tixtri oġġetti ġodda.

## Ilbes ħwejjeġ li jservu

Ixtri inqas ħwejjeġ ġodda u ilbishom għal aktar żmien.

**Trid tinżamm aġġornat dwar ir-riżultati tal-Peer Parliaments?**

**Interessat tospita Peer Parliament inti stess?**

EUROPEAN CLIMATE PACT

#MyWorldOurPlanet
#EUClimatePact

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

climate-pact.europa.eu | EUClimateAction | EUClimateAction | ourplanet_eu | EU Environment and Climate | EUClimateAction